MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Numru. 62/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**EDWARD BUTTIGIEG ta’ 56 sena, bin Angelus u Pawla Cassar, fit-3 ta’ April 1951 u joqghod Edmar, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 29151(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Edward Buttigeig li gie akkuzat :

1. talli f’ Ghawdex b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda qabel l-10 ta’ April 2001 bhala sid tal-fond 125, Triq l-Imgarr,

Ghajnsielem, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-isemmi post, b'mezzi qarrieqa li bihom seta kellek l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' waqqaf jew biddel il-kejl jew marker, ikkometta serq ta' kurent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u jekk ikun il-kaz bil-valur.

2. talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-korporazzjoni Eenemalta liema hsara tammonta ghal disgha liri maltin (Lm9).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-eccezzjoni sollevata mid-difiza tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali bid-dekors ta' hames snin.

Rat illi l-atti ta'l-inkjesta in konnessjoni ma' dana il-kaz, liema process verbal huwa esebiet bhala Dokument C gie maghluq mill-Magistrat Inkwirenti fil-25 ta' April 2002.

Rat illi l-kawza giet mhollija ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevta mid-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali huma l-artikoli 687 et.seq tal-Kodici Kriminali. Illi d-difiza qed tissolleva l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni ai termini ta'l-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 u dana peress illi r-reat li dwaru jinsab akkuzat l-imputat huwa soggett ghal piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sena, izda mhux iktar minn erba' snin.

Illi l-artikolu 691 jiddisponi illi ghar-reati ikkunsmati, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mil-jum tal-konsumazzjoni u ghar-reati kontinwati mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi. Illi madanakollu il-ligi tkompli tghid illi jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tingieb 'il quddiem jew ma tkunx tista' titkompla hlief wara awtorizazzjoni specjali jew wara d-decizjoni ta' kwistjoni migjuba f'kawza ohra ghaliha, il-

mixi taz-zmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jega' jibda jiehu il-kors tieghu minn dak in-nhar li fih tinghata l-awtorizazzjoni jew li tinqata' l-kwistjoni.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-ahhar jum li fih kien hemm ksur tal-ligi (billi hawn si tratta ta' reat kontinwat), kien l-10 ta' April 2001. Illi l-atti ta'l-inkjesta gew maghluqa mill-Magistrat Inkwirenti fil-25 ta' April 2002, fejn gie rakkomandat illi abbazi tal-konkluzjonijiet ragunti fl-inkjesta kellhom jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta'l-imputat Edward Buttigieg.

Illi c-citazzjoni odjerna fil-konfront ta'l-imputat giet intavolata mill-prosekuzzjoni fl-4 ta' Settembru 2007, u l-imputat gie innottifikat bl-akkuza fis-27 ta' Novembru 2007 (ara Dokument D). Minn dana ghalhekk jirrizulta illi l-proceduri kirminali fil-konfront ta'l-imputat gew intavolati 'il fuq minn hames snin wara l-eghluq ta'l-inkjesta magisterjali u kwindi ma hemmx dubbju illi l-azzjoni kriminali odjerna hija preskritta a tenur ta'l-artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti ghaldaqstant qed taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 264(2), 283, 326(1)(f), 688(d), 690 u 691 tal-Kaptolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara illi l-azzjoni kriminali fil-konfornt ta'l-imputat Edward Buttigieg hija preskritta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------